**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Novembru, 2021**

**Rikors Numru: 257/2021 MLF**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 166A bin-numru 109/21 fl-ismijiet:**

**John Bugeja**

**vs**

**Sofija Georgantas**

Il-Qorti,

**1.** Rat ir-rikors ta' Sofija Georgantas tas-16 ta' Settembru 2021 li fih ippremettiet:

Illi hija, ghalkemm mhux notifikata saret taf illi fl-24 ta' Awwissu 2021 gie pprezentat il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1267/2021 ISB kontra taghha u dan a bazi ta' dak illi **qed jinghad** huwa titolu ezekuttiv illi l-intimat John Bugeja qed jallega illi ghandu; [emfazi mizjud mir-rikorrenti]

Illi m'huwiex kontestat illi permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 109/2021 datata 9 ta' Lulju 2021 [Kopja annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok SG1], l-intimat John Bugeja talab is-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) minghand ir-rikorrenti liema ittra ufficjali, bi zvista, ma gietx kontestata ai termini tal-Artikolu 166A (4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, biex b'hekk lahqu ghaddew it-tletin jum minn notifika lid-debitrici rikorrenti;

Illi ghalkemm, prima facie, jidher illi l-intimat Bugeja ghandu titolu ezektuttiv, dan mhuwiex il-kaz kif sejjer jigi spjegat iktar l-isfel f'dan ir-rikors;

Illi l-Artikolu 166A (2) tal-Kap.12 ighid illi:

"Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja … … li ghandha tigi notifikata lid-debitur **fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba"** [emfazi mizjud mir-rikorrenti]

Illi minn qari tal-ittra ufficjali huwa bil-wisq evidenti illi din mhijiex konformi mal-ligi;

Illi infatti l-intimat Bugeja interpella lir-rikorrenti odjerna sabiex: -

"…fi zmien hamest (5) ijiem mid-data ta' din l-ittra tersaq ghall-hlas fl-ammont ta'ghoxrin elf Euro (€20,000), liema ammont ghadu sal-lum mhux saldat minnek, u dan minkejja d-diversi tentattivi inkluz ittra legali datata s-6 ta' Mejju 2021, inti xorta bqajt inadempjenti"

Illi m'hemm l-ebda raguni moghtija ghall-hlas mitlub. Persuna illi tigi notifikata b'ittra bhal din (f'dan il-kaz, ir-rikorrenti) m'ghandhiex mezz kif tkun taf in-natura tat-talba – jekk per ezempju l-flus mitluba humiex ghall-servizzi rezi, prodotti mibjugha, self ecc. ecc. Fi kliem iehor, m'hemmx raguni li fuqha giet imsejsa t-talba;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, wiehed lanqas isib dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;

Illi gjaladarba l-ittra ufficjali, illi a bazi taghha nhareg il-mandat ezekkutiv, huwa nieqes mill-elementi tassattivi illi titlob il-ligi, fl-umli fehma tar-rikorrenti, l-ittra ufficjali bin-numru 109/21 pprezentata fid-9 ta' Lulju 2021 ghandha tigi meqjusa bhala nulla u bla effett;

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob illi din il-Qorti: -

i. Tiddikjara illi l-ittra ufficjali bin-numru 109/21 fl-ismijiet premessi datata 9 ta' Lulju 2021 hija nieqsa mill-elementi tassativi u l-htigijiet stipulati fl-Artikolu 166A (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tiddikjaraha bhala nulla ai fini u l-effetti tal-ligi kif kontemplat fl-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tordna r-rexissjoni tal-istess ittra ufficjali;

iii. Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh fi zmien gimghatejn kif kontemplat fl-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Bl-ispejjez kontra l-intimat Bugeja, inkluz dawk konnessi mal-ittra ufficjali numru 109/21

**2.** Rat ir-risposta ta' John Bugeja li fiha eccepixxa:

1. Illi qabel xejn it-talba tar-rikorrenti kif dedotta hija wahda rregolari, irritwali u kwantu tali nulla stante li dak li qieghed jintalab minn dina l-Onorabbli Qorti mhux rimedju li jipprovdi ghalih l-Artikolu 166A (5) tal-Kap.12. Mill-qari anke sempliciment ta' dan l-artikolu, ghandu jirrizulta li huwa biss it-titolu ezekuttiv li jista jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett, u mhux l-ittra ufficjali nnfisha. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante illi m'hijiex legalment sostenibbli;

2. Illi minghajr preguduzzju ghas-suespost, l-esponent qieghed jirrespingi bis-sahha kollha t-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan in vista tal-fatt illi l-ittra ufficjali odjerna hija konformi mar-rekwiziti indikati f'sub-artikolu 166A(1), (2) u (3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju, mhux minnu dak li qieghda tallega r-rikorrenti illi *"hija m'ghandhiex mezz kif tkun taf in-natura tat-talba"* u dan peress illi l-ittra ufficjali nnifisha taghmel referenza ghall-ittra legali indirizzata lir-rikorrenti datata s-6 ta' Mejju 2021 (kopja ta' liema giet annesa mar-risposta u mmarkata bhala 'Dok BJ1'). Permezz ta' dina l-ittra, ir-rikorrenti giet interpellata thallas lura s-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) rapprezentanti self brevi manu mghoddi lilha mill-esponenti. Sussegwentement, ir-rikorrenti giet interpellata wkoll b'ittra ufficjali datata s-27 ta' Mejju 2021 li giet notifikata lilha fit-2 ta' Gunju 2021 (kopja ta' liema giet annessa mar-risposta u mmarkata bhala 'Dok BJ2'), kif ukoll bl-ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li giet notifikata lir-rikorrenti nhar is-17 ma' Lulju 2021;

4. Illi minghajr pregudizzju, pertinenti jinghad ai fini ta' kuntest, illi dan kien l-unika self mghoddi mill-esponent lir-rikorrenti u ghaldaqstant ma kienx hemm bzonn spjegazzjoni kumplessa dwar is-self, stante illi l-ammont dovut ma jirrizultax minn xi negozju, bejgh jew servizz provdut mill-esponenti;

5. Illi kif jista jikkonferma l-esponenti bil-gurament tieghu, tant kemm ir-rikorenti hija konsapevoli mill-fatti relatati mis-self fl-ammont ta' ghoxrin elf Euro (€20,000), illi kemm il'darba kkommunikat mal-esponenti sabiex jakkordalha ftit aktar zmien sabiex thallsu;

6. Illi t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur intavolat mir-rikorrenti huma sempliciment intizi sabiex jivvessaw lill-esponenti fl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv validament u legittimament ottenut minnu fil-konfront tal-istess debitrici u dan stante illi jirrizulta bl-iktar mod car u ampju illi hija giet notifikata bl-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri kif trid u kif titlob il-ligi procedurali u naqset milli twiegeb ghat-talba;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet sopra-indikati, l-esponent jitlob bir-rispett lill-Qorti sabiex, prevja kwalsiasi provvedimenti ohrajn, tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fl-intier taghha bl-ispejjez kontra taghha.

**3.** Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

**4.** Semghet trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Kunsiderazjonijiet ta' din il-Qorti**

**5.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri jirrizultaw mir-rikors promotur u mir-risposta fuq citati.

**6.** Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok l-eccezzjoni preliminari tal-intimat tan-nullita tat-talba tar-rikorrenti, u jekk ikun il-kaz tikkunsidra imbaghad il-meritu tal-vertenza.

*L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari – In-Nullita tal-ewwel u t-tieni talba tar-rikors promotur*

**7.** L-ewwel talba tar-rikorrenti hija sabiex din il-Qorti tiddikjara nulla l-ittra ufficjali in kwistjoni, fil-waqt li t-tieni talba hija sabiex din il-Qorti tordna r-rexxissjoni ta' din l-ittra ufficjali. L-intimat jissottometti illi meta tintlaqa talba taht l-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12, huwa t-titolu ezekuttiv li wiehed jottjeni permezz tal-procedura in kwistjoni li jigi dikjarat null u rexiss, izda l-ittra ufficjali ma tigix rexissa.

**8.** L-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:
*"(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*
*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
(ii) *li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**9.** Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li dan ir-rikors qieghed isir a bazi ta' dan l-Artikolu 166A(5). Huwa vera li meta jinqara in isolament dan is-subinciz ta' dan l-Artikolu donnu jindika li huwa it-titolu ezekuttiv ottenut li ghandu jigi rexiss, u iddikjarat null u bla effett, jekk it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha u mhux l-ittra ufficjali innifisha. It-talba tar-rikorrenti tista'

tintlaqa' biss ghaz-zewg ragunijiet imsemmija fl-istess subinciz (ara Artikolu 166A(6) tal-Kodici ta' Procedura Civili).

**10.** It-titolu ezekuttiv ghandu jigi annullat *inter alia* jekk il-htigijiet stipulati fis-subincizi (1), (2) u (3) tal-Artikolu 166A ikunu nieqsa. L-Artikolu 166A(2) jippreskrivi li fl-ittra ufficjali *"għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba … …"* L-Artikolu 166A(3) jkompli jghid hekk: *"L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**11.** L-Artikolu 789 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista'tingħata –*
*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament; … …*
*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mill-liġi ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-ligi."*

**12.** L-Artikolu 789(d) huwa applikabbli ghal kaz odjern ghaliex evidentement, it-talba tar-rikorrent hija ibbazata *inter alia* fuq allegazzjoni tan-nuqqas tar-rekwiziti sostanzjali preskritti mill-ligi fl-Artikolu 166A(2) ta' l-istess Kodici ta' Procedura Civili. In oltre, il-kaz odjern jinkwadra ruhu wkoll fis-subparagrafu (a) ta' l-istess Artikolu 789 ghal raguni illi x-xorta ta' nullita` hawn ezaminata hi wkoll hekk *"iddikjarata mil-ligi espressament"* (*"taht piena ta' nullita`"*).

**13.** L-istess argument huwa applikabbli ghal nuqqas li jigi osservat l-Artikolu 166A(3) fuq citat, ghalkemm ir-rikorrenti mhux qed jitlob in-nullita tal-ittra ufficjali taht dan is-subinciz.

**14.** B'rabta ghall-proviso ta' l-Artikolu 789 fuq riferit, il-Qorti zzid tghid li jekk ghal grazzja tal-argument biss, hija tasal ghal konkluzjoni li xi wiehed mir-rekwiziti preskritt taht piena ta' nullita fl-Artikolu 166A(2) huwa nieqes fil-kaz odjern, l-ittra ufficcjali de quo lanqas ma tista tigi debitament korretta, gialadarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja issa ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha;

**15.** Ghaldaqstant, jekk din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li r-rekwiziti preskritti taht piena ta' nullita fl-Artikolu 166A(2) huma nieqsa fl-ittra ufficjali *de quo*, il-Qorti trid bilfors tiddikjara l-ittra ufficjali nulla, u mhux tannulla biss it-titolu ezekuttiv ottenut in forza ta' dik l-ittra ufficjali.

Ovvjament l-ittra ufficjali tibqa' fir-registru ta' din il-Qorti, izda ma jkollha l-ebda effett legali – lanqas dawk ta' ittra ufficjali normali.

**16.** Pero ghalkemm l-ittra ufficjali tista' tigi dikjarata nulla u bla effett, hija ma tistax tigi rexxissa wkoll kif qed titlob ir-rikorrenti fit-tieni talba taghha. Huwa it-titolu ezekuttiv ottenut permezz ta' dik l-ittra ufficjali li jista' jigi rexxiss.

**17.** Ai termini tal-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Procedura Civili, fil-kaz ta' proceduri quddiem Qorti Inferjuri *"jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors ... ..."* [1] Ghalhekk, dan in-nuqqas fir-rikors promotur ma jwassalx ghan-nullita tal-proceduri odjerni, stante li jekk l-ittra ufficjali tigi dikjarata nulla u bla effett, il-konsegwenza legali naturali u unika hija li t-titolu ezekuttiv, li a bazi tieghu inharget dik l-ittra, jrid bil-fors jigi rexxiss.

**18.** Konsegwentement l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimata qieghda tigi michuda.

<u>*Il-Meritu*</u>

**19.** Fl-ewwel talba taghha, ir-rikorrenti qed titlob li l-ittra ufficjali tigi dikjarata nulla u bla effett ghaliex l-ittra ma fihix ir-raguni li fuqha hija msejsa t-talba u lanqas dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba, kif jippreskrivi l-Artikolu 166A(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

**20.** Dwar il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u r-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2), fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Andrew Mercieca**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar 2010, gie ritenut illi *"permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi introduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha **"dikjarazzjoni tal-fatt b'sostenn tat-talba"**. Il-kliem **"ghal xoghol u parts"** m'humiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti". Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel*

[1] Ara wkoll is-sentenza **Emanuel Cauchi vs Michael Zammit** deciza fil-15 ta' Lulju 2009 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Philip Sciberras).

*persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madanakollu l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha* ***"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba".*** *Mandanakollu dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss*[2]*. Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficjali n-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol, u spiega tal-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li sar u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Setgha kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Mercieca hu gustifikat."*

**21.** Dawn l-osservazzjonijiet gew konfermati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Gouder et vs Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010. Wara li kkunsidrat is-sentenza **Sultana vs Mercieca** u l-principjji enuncjati fiha, il-Qorti tal-Appell ziedet tghid li minn dik is-sentenza *"Wiehed jifhem ahjar x'ghandu jkun l-element kostituttiv tal-ittra ufficjali ghall-espressjoni legislattiva tad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Dan mhux minghajr raguni gjaladarba l-uzu tal-att gudizzjarji innovattiv introdott fil-ligi procedurali, ex-Artikolu 166A, hu intiz bl-iskop li jevita l-procediment gudizzjarju tal-kawza (Artikolu 154 et sequitur) u l-hela ta' energija u spejjez zejda, fl-istess waqt li johloq t-titolu ezekuttiv. Mhux allura bizzejjed li fl-ittra ufficjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dan il-kaz, 'appalt ta' injam' – imma ghandu wkoll skond ir-regola normattiva u, ghaliex le, il-bon sens, jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiza tad-debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt ghal liema qed jintalab il-hlas u b'hekk ikun fi*

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*grad ahjar li jametti jew jirripella, il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem 'appalt fuq l-injam", ma jikkostitwixxux dikjarazzjoni certa u cara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut tal-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tieghu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu etcetera. Wiehed ma jistax ma jfakkarx f'dik il-gurisprudenza li tirritjeni nulla u mhux meritevoli ta' konsiderazzjoni, meta kien ghadu jvigi r-rit tac-citazzjoni, fejn il-kawzali taghha tkun espressa bhala 'ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi' (***Fortunata Mizzi** [recte Maggi] **v. Rosina Coleiro**, Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1949), jew 'ghal ragunijiet ohra li jigu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawza' (**Carmelo Darmenia*** [recte Darmanin] ***v. Avukat Dottor Charles Moore nomine**, Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' April, 1964). B'egwal forza magguri dan huwa hekk ukoll il-kaz hawnhekk trattasi li hi l-ittra ufficjali li tikkreja per saltum titolu ezekuttiv. Irid jinghad imbaghad b'rabta ghall-proviso tal-Artikolu 789 fuq riferit illi ghall-ittra ufficjali de qua lanqas ma hi akkonsentita jew permissibbli d-debita korrezzjoni gjaladarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha."*

**22.** Fil-kaz odjern, l-ittra ufficjali sempliciment tinterpella lir-rikorrenti sabiex *"... ... fi zmien hamest (5) ijiem mid-data ta' din l-ittra tersaq ghall-hlas fl-ammont t'ghoxrin elf Euro (€20,000), liema ammont ghadu sal-lum mhux saldat minnek, u dan minkejja d-diversi tentattiv inkluz ittra legali datata s-6 ta' Mejju 2021, inti xorta bqajt inadempjenti."* Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti din mhux biss ma tistax tigi kkunsidrata bhala *"dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba"* kif tesigi l-ligi, izda lanqas jista' jinghad li hemm indikata r-raguni fuq hix hija msejsa din it-talba ghall-hlas. Ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'kienu c-cirkostanzi li minhabba fihom ir-rikorrenti hija obbligata thallas dan l-ammont lill-intimat, u tad-data minn meta dan l-ammont sar dovut. Wisq inqas hemm dikjarazzjoni tal-fatti li taw lok ghal dan id-diverbju bejn il-partijiet.

**23.** L-intimat jargumenta li l-ittra ufficjali taghmel riferenza ghal ittra legali tas-6 ta' Mejju 2021, fejn hemm spjegat in-natura tad-dejn. Fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva, li apparti li ma hemmx prova li din l-ittra bonarja giet notifikata lir-rikorrenti, din l-ittra ma gietx annessa mal-ittra ufficcjali u konsegwentement ikkonfermata bil-gurament mill-intimat. Fit-tieni lok din l-ittra legali, li giet annessa mar-risposta tal-intimat f'dawn il-proceduri tghid hekk:

*"By means of the present, our Client refers you to the agreement reached between yourself and our Client whereby the sum of twenty thousand Euro (€20,000) was transferred to you by*

*way of loan, and subject to the condition that the loaned amount is paid back to our Client by not later than 8th March 2021."*
Din l-ittra bonarja ma taghmilx riferenza ghad-data ta' dan l-allegat ftehim, jekk kienx wiehed verbali jew bil-miktub u meta gew moghddija l-flus lir-rikorrenti. Ghalhekk, anke kieku din l-ittra legali giet annessa mal-ittra ufficjali, id-dettalji fiha m'humiex bizzejjed sabiex jissodisfaw il-vot tal-Artikolu 166A(2).

Fir-risposta tieghu, l-intimat jargumenta wkoll li dan kien l-unika self mghoddi minnu lir-rikorrenti u li r-rikorrenti kemm-il darba ikkomunikat mieghu sabiex jakkordalha ftit aktar zmien biex thallas. Pero, dawn l-allegazzjonijiet anke jekk jigu ippruvati ma huma ta' l-ebda ghajnuna ghall-intimat, stante li l-Artikolu 166A(2) ma jaghmel l-ebda eccezzjoni li jistghu ma jigux osservati ir-rekwiziti fih preskritti, meta jkunu saru trattattivi bonarji bejn il-partijiet biex tinstab soluzzjoni ghall-vertenza ta' bejniethom.

**24.** Konsegwentement, il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha stante li l-ittra ufficjali de quo ma tikkontjeniex ir-rekwiziti preskritti mil-ligi, u konsegwentement hija nulla u bla effett.

**25.** Minn dan isegwi, li t-titolu ezekuttiv ottenut in forza ta' din l-ittra ufficjali ghandu jigi rexiss, anke jekk dan ma giex espressament mitlub fir-rikors promotur, ghaliex hija konsegwenza naturali tad-dikjarazzjoni tan-nullita tal-ittra ufficjali.

**26.** In vista tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti.

**27.** Rigward it-tielet talba tar-rikorrenti, din il-Qorti se tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni taghha, stante li din it-talba giet sorvolta fil-bidu tal-proceduri odjerni, stante li din il-Qorti appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh fi zmien gimghatejn kif kontemplat fl-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

**28.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, u konsegwentement tiddikjara nulla u bla effett l-ittra ufficcjali bin-numru 109/21 fl-ismijiet premessi datata 9 ta' Lulju 2021, u tordna r-rexxissjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut in forza ta' din l-ittra ufficjali;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**